**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Mejju, 2018**

**Talba Nru: 175/2017PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Philip Delceppo**
**(ID Nru. 456362(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 t'April, 2017 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tmienja u sittin Ewro u hamsa u sebghin centezmi (€768.75) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40175282, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1352/15, u bl-imghaxijiet legali sa mill-24 t'Awwissu, 2015 data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba senjatament l-istatement datat 16 ta' Mejju, 2016 (Dok. 'A'), il-kuntratt sottoskritt mill-intimat (Dok.

‘B’) u l-kopja tal-ittra ufficjali bin-numru 1352/15 mahruga mis-socjeta` attrici taht l-art. 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi.

Sema’ x-xhieda ta’ Charmaine Psaila Raji moghtija fis-seduta tal-10 ta’ Mejju, 2018 li permezz taghha ikkonfermat bil-gurament taghha illi l-intimat kien originarjament issottoskriva ghal kuntratt esebit a fol 4 u dan ghal perjodu ta' sentejn liema kuntratt gie imbaghad imgedded ghal perjodu iehor ta' sentejn. Xehdet ukoll illi fir-rigward tat-tielet terminu l-klijent ma kienx irritorna l-kuntratt iffirmat kif ikkonferma huwa stess maghha. Xehdet ukoll illi min-naha taghha ghamlet tentattiv sabiex tipprova tilhaq soluzzjoni bonarja mal-intimat pero` minkejja dan, ftehim ma ntlahaqx b'tant li lanqas l-*equipment* ma gie irritornat mill-intimat. Ghaldaqstant is-sorte flimkien mal-imghaxijiet u l-ispejjez ghadhom kollha dovuti minnu. L-istess xhud kompliet tixhed li s-sorte giet mahduma a bazi tar-rati applikabbli skont il-Home Pack Bundle Agreement u mhux dawk tal-Stand Alone Services. Xehdet ukoll li l-intimat minn naha tieghu kkonfermalha li l-kuntratt mahrug mis-Socjeta attrici fir-rigward tat-tielet terminu tal-Home Pack Bundle gie minnu ffirmat imma kopja tieghu ma gietx ritornata lis-socjeta` attrici mill-istess intimat. Dan kollu xehditu a bazi ta' diversi kommunikazzjoni personali li kellha mal-intimat. Hija kkonfermat li s-sorte jinkludi wkoll il-valur tal-*equipment* mhux irritornat u penali relattivi ghal Home Pack Bundle Agreement liema penali skattaw gialadarba l-intimat ma onorax it-terminu tal-kuntratt tieghu.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikat l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduti tad-9 t’April, 2018 u tal-10 ta’ Mejju, 2018 u lanqas ma prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta’ attrici.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta ampjament mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mal-avviz odjern oltre li jirrizulta wkoll dovut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, mill-intimat lis-socjeta` attrici skont ix-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-10 ta' Mejju, 2018.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet legali, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu u jaghmel tieghu il-konkluzjoni hemmhekk raggjunta f'dan ir-rigward. F'dan il-kaz allura l-imghaxijiet huma dovuti fuq is-sorte mill-31 t'Awwissu, 2018 data tan-notifika lill-intimat tal-ittra ufficjali numru 1352/15 u jibqghu jiddekorru sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u tmienja u sittin euro u hamsa u sebghin centezmi (€768.75) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40175282, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1352/15 bl-imghaxijiet legali fuq l-istess sorte sa mill-31 t'Awwissu, 2015.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**